**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

**Illum it-Tnejn, 18 ta' Lulju 2022**

Numru 1

**Rikors Guramentat Nru. 135/2022**

**Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons.), LL.D.**
**bhala mandatarju specjali ta' Nokia Oyj (ezercenti l-kummerc ukoll bhala "Nokia Corporation"), socjeta estera organizzata taht il-ligijiet tal-Finlandja (numru tal-Business ID: 0112038-9) u b'indirizz ta' Karakaari 7, 02610 Espoo, Finlandja**

**vs**

**Dr Martin Matthew Farrugia u P.L. Silvana Vella**
**kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil**
**(1) DADU WORLD TRADING LIMITED, entita estera b'indirizz mhux maghruf fid-data tal-prezentata tar-rikors guramentat promotur, u**
**(2) EURL N G B IMPORT EXPORT, entita estera b'indikazzjoni ta' indirizz ta' "PROMOTION BEL AYAT HASNAOUI, CITE LAARARSSA SECTION 111 GROUPE, PROPRIETAIRE 09 LOT 11, 19000 SETIF" fl-Algerija u b'indikazzjoni ulterjuri ta' numru ta' identifikazzjoni fiskali Algerina (NIF) "001019008870873", nominati b'digriet tat-28 ta' April 2022**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur nomine tas-16 ta' Frar 2022 li jghid hekk:

1. illi s-socjeta attrici, maghrufa sew *inter alia* in konnessjoni ma' prodotti tat-telefonija, hija proprjetarja ta' diversi *trademarks* madwar id-dinja li jkopru dan in-negozju. B'rizultat ta' uzu kummercjali ghal zmien twil, bejgh estensiv u riklamar madwar id-dinja, it-*trademarks* tas-socjeta attrici dwar tali oggetti huma *trademarks* maghrufin madwar bosta pajjizi fid-dinja inkluza Malta, u kisbu reputazzjoni u avvjament enormi;

2. illi fost ohrajn, is-socjeta attrici hija proprjetarja tat-*trademarks* tal-Unjoni Ewropea bin-numri 010608743 NOKIA [b'effett mill-ewwel (1) ta' Frar tas-sena elfejn u tnax (2012)], 013405493 NOKIA [b'effett mit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014)], 014941793 NOKIA [b'effett mit-tmintax (18) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hmistax (2015)], 016147902 NOKIA [b'effett mit-tmienja (8) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sittax (2016)] u 017868623 NOKIA [b'effett mis-sitta (6) ta' Marzu tas-sena elfejn u tmintax (2018)], kollha debitament irregistrati dwar oggetti varji fosthom accessorji ghal *mobile telephones* inkluzi batteriji ghal *mobile telephones*;

3. illi s-socjeta attrici hija "detentrici ta' dritt" koperta b' "applikazzjoni ghal azzjoni" ghall-iskopijiet tad-disposizzjonijiet rilevanti kontenuti fir-Regolament U.E. 608/2013 *concerning customs enforcement of intellectual property rights and repealing Council Regulation (EC) No 1383/2003* u fl-Att Dwar Drittijiet Dwar Proprjeta Intellettwali (Mizuri Intrakonfini), Kapitolu erba' mija u erbatax (414) tal-Ligijiet ta' Malta, u tgawdi mill-protezzjoni derivanti mill-Artikoli wiehed (1) subartikolu wiehed (1.) paragrafu (c) u tlieta u ghoxrin (23) subartikoli tlieta (3.) u erbgha (4.) tal-istess Regolament U.E. 608/2013, kif ukoll mill-artikoli tnejn (2) subartikolu wiehed (1) paragrafu (a) sub-paragrafi (i) sa (iii), erbgha (4) u tmienja (8) subartikolu wiehed (1) tal-istess Kap. 414, fost ohrajn;

4. illi ghaldaqstant inoltri, is-socjeta attrici tgawdi minn protezzjoni kontenuta fl-ewwel parti tal-Artikolu disgha (9) subartikolu erbgha (4.) tar-Regolament U.E. 2017/1001 fuq it-*trademark* tal-Unjoni Ewropea, u dwar l-infurzar tal-jeddijiet tas-socjeta attrici huma rilevanti s-segwenti disposizzjonijiet ta' ligi (fost ohrajn): ir-regolament disgha u sebghin (79.) subregolament (a) tal-Ligi Sussidjarja 597.04 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu dsatax (19.) subartikolu wiehed (1) tal-Att dwar it-*Trademarks*, Kapitolu hames mija sebgha u disghin (597) tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu disgha (9.) subartikolu wiehed (1) paragrafi (a), (b) u (c) tal-Att li jirregola l-Infurzar ta' Drittijiet ta' Proprjeta Intellettwali, Kapitolu erba' mija tmienja u tmenin (488) tal-Ligijiet ta' Malta;

5. illi recentement, id-Direttur Generali (Dwana) issosspenda r-rilaxx tal-*container* DRYU4523532 kontenenti kwantita ta' accessorji ghal *mobile telephones* konsistenti f'batteriji ghal *mobile telephones* (gewwa materjal tal-imballagg tal-plastik), li kollha ghandhom fuqhom *trademarks* identici ghal - jew li ma jistghux jintgharfu fl-aspetti essenzjali taghhom minn - dawk tas-socjeta attrici debitament irregistrati dwar l-istess oggetti bhala *trademarks* tal-UE bin-numri 010608743, 013405493, 014941793, 016147902 u 017868623 rispettivament. Dawn l-oggetti kollha waslu fil-*Freeport Terminal* tad-Dwana ta' Malta waqt procedura doganali ta' trasbord (*transhipment*), mibghuta mic-Cina min-naha tal-ewwel konvenuta DADU WORLD TRADING LIMITED u in tranzitu ghar-rilaxx eventwali gewwa l-Algerija favur it-tieni konvenuta EURL N G B IMPORT EXPORT. Id-Direttur Generali (Dwana) informa lis-socjeta attrici dwar din is-sejba f'cirkustanzi suspetti, sabiex isiru l-verifiki opportuni dwar kontravvenzjonijiet ta' drittijiet dwar proprjeta intellettwali;

6. illi s-socjeta attrici giet mgharrfa bis-sejba in kwestjoni fit-tmintax (18) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022) u, wara li ezaminat ritratti

elettronici u kampjuni ta' dawn l-oggetti, ikkonfermat lid-Direttur Generali (Dwana) li fil-fatt dawn huma oggetti falsifikati. Min-naha tieghu, id-Direttur Generali (Dwana) ghadda lis-socjeta attrici kopja tal-inkartament kummercjali relattiv fejn, fil-parti relattiva ghax-*shipper* / parti li qed tibghat hemm indikata "DADU WORLD TRADING LIMITED**"**, entita estera b'indirizz mhux indikat, filwaqt li bhala *consignee* / importatrici hemm indikata "EURL N G B IMPORT EXPORT", entita estera b'indikazzjoni ta' indirizz ta' "PROMOTION BEL AYAT HASNAOUI, CITE LAARARSSA SECTION 111 GROUPE, PROPRIETAIRE 09 LOT 11, 19000 SETIF" fl-Algerija u b'indikazzjoni ulterjuri ta' numru ta' identifikazzjoni fiskali Algerina (NIF) "001019008870873";

7. illi effettivament allura, dwar l-oggetti lkoll mertu ta' din il-vertenza, li d-Direttur Generali (Dwana) indika bhala b'kollox "85 (hamsa u tmenin) kaxxa b'total ta' 56,480 (sitta u hamsin elf, erba' mija u tmenin) batterija" (gewwa materjal tal-imballagg tal-plastik), tapplika bic-car l-ewwel parti tal-Artikolu disgha (9) subartikolu erbgha (4.) tar-Regolament U.E. 2017/1001 fuq it-trademark tal-Unjoni Ewropea, li tipprovdi li: "... il-proprjetarju ta' dik it-trademark tal-UE ghandu jkollu wkoll id-dritt li jimpedixxi li, fil-process normali tan-negozju, kull parti terza ddahhal oggetti fl-Unjoni minghajr ma jkunu rilaxxati ghal cirkolazzjoni libera hemmhekk, fejn dawn l-oggetti, inkluz l-imballagg taghhom, joriginaw minn pajjizi terzi u jkollhom trademark minghajr awtorizzazzjoni li tkun identika ghat-trademark tal-UE rregistrata fir-rigward ta' dawn l-oggetti, jew li ma tkunx tista' tingharaf fl-aspetti essenzjali taghha minn dik it-trademark.".
Dan kollu f'cirkustanzi fejn, fil-pajjiz fejn l-istess oggetti kellhom jaslu (l-Algerija), is-socjeta attrici ghandha jeddijiet li jintitolawha tipprojbixxi t-tqeghid f'dak is-suq ta' dawk l-istess oggetti;

8. illi d-Direttur Generali (Dwana) pprefiggja terminu sas-sittax (16) ta' Frar tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022) inkluz, sabiex is-socjeta attrici taghtih prova li nbdew l-opportuni procedimenti gudizzjarji civili li jwasslu ghal decizjoni sostantiva dwar il-merti tal-kaz, u dawn il-procedimenti gudizzjarji civili qed jigu prezentati entro dan l-istess terminu;

9. illi l-esponent jaf personalment bil-fatti hawn kollha dikjarati;

10. illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn qabel premessi l-attur *nomine* umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti:

(1) tiddikjara li d-dhul minghajr rilaxx ghal cirkolazzjoni libera f'Malta, fil-kors ta' kummerc bejn il-konvenuti f'kwantita ta' accessorji ghal *mobile telephones* konsistenti f'batteriji ghal *mobile telephones* (gewwa materjal tal-imballagg tal-

plastik), li kollha ghandhom fuqhom *trademarks* identici ghal - jew li ma jistghux jintgharfu fl-aspetti essenzjali taghhom minn - dawk tas-socjeta attrici debitament irregistrati dwar l-istess oggetti bhala *trademarks* tal-UE bin-numri 010608743, 013405493, 014941793, 016147902 u 017868623 rispettivament, liema oggetti kollha jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita tad-Direttur Generali (Dwana) wara li huwa kien sab li l-*container* DRYU4523532 kien jikkontjenihom, jikkontravvjeni d-drittijiet ta' proprjeta intellettwali tas-socjeta attrici fir-rigward tal-istess *trademarks* tal-UE bin-numri 010608743, 013405493, 014941793, 016147902 u 017868623, rispettivament;

(2) tiddikjara li l-istess oggetti u cioe il-kwantita ta' accessorji ghal *mobile telephones* konsistenti f'batteriji ghal *mobile telephones* (gewwa materjal tal-imballagg tal-plastik), li kollha ghandhom fuqhom *trademarks* identici ghal - jew li ma jistghux jintgharfu fl-aspetti essenzjali taghhom minn - dawk tas-socjeta attrici debitament irregistrati dwar l-istess oggetti bhala *trademarks* tal-UE bin-numri 010608743, 013405493, 014941793, 016147902 u 017868623 rispettivament, huma oggetti falsifikati;

(3) tordna lid-Direttur Generali (Dwana) li jiddistruggi dawk l-oggetti fi zmien qasir u perentorju minghajr ebda kumpens lill-konvenuti u ghas-spejjez taghhom;

(4) tiehu, jew tordna lid-Direttur Generali (Dwana) li jiehu dwar dawk l-oggetti, kull mizura ohra li biha huma jitnehhew definittivament mic-cirkolazzjoni fis-sistemi ezistenti tal-kummerc u l-konvenuti jigu mcahhda mill-beneficcji ekonomici tat-transazzjoni;

(5) tordna li l-konvenuti ghandhom ibatu l-ispejjez 'l ohra kollha konnessi ma' din il-kawza, inkluzi l-ispejjez in konnessjoni mal-mizuri ordnati ai termini tat-tielet u tar-raba' talbiet attrici, fosthom dawk tal-identifikazzjoni u tal-ghadd tal-imsemmija oggetti, tat-trasport taghhom ghall-lok tal-hazna, tal-hazna stess, tat-trasport taghhom mill-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni, tal-attendenza waqt id-distruzzjoni u tat-tnehhija tal-iskart iggenerat mill-istess distruzzjoni.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati tal-14 ta' Gunju 2022 fejn ecceppew li:

1. Illi huma, fil-kwalita taghhom ta' kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta "DADU WORLD TRADING LIMITED", socjeta estera b'indirizz mhux maghruf, u "EURL N G B IMPORT EXPORT", socjeta estera b'indikazzjoni ta' indirizz ta' "PROMOTION BEL AYAT HASNAOUI, CITE LAARARSSA SECTION 111 GROUPE, PROPRIETAIRE 09 LOT 11, 19000 SETIF" fl-Algerija mhumiex prezentement edotti mill-fatti li taw lok ghal din l-kawza u ghaldaqstant, jirriservaw illi jdahhlu eccezzjonijiet ulterjuri aktar 'il quddiem.
2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti u dokumenti kollha esebiti;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu.

**Ikkunsidrat**

Illi s-socjeta attrici hija proprjetarja ta' diversi markji fost ohrajn tal-markji NOKIA, NOKIA u NOKIA, irregistrati bhala EU trade marks bin-numri 010608743, 013405493, 014941793, 016147902 u 017868623, dwar oggetti varji fosthom accessorji ghal *mobile telephones* inkluzi batteriji ghal *mobile telephones*, u dan skont kif jidher fuq id-dokumenti B sa F annessi mar-rikors promotur.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li f'container numru DRYU4523532 kien inhatt fil-port hieles ta' Marsaxlokk minn fuq il-vapur CMA CGM FIDELIO li kien diehel Malta fit-13 ta' Novembru 2021 l-Ufficjal tal-Kontrollur tad-Dwana sab konsenja ta' hamsa u tmenin (85) kaxxa b'total ta' sitta u hamsin elf, erba' mija u tmenin (56,480) batterija li ghandhom fuqhom markji tas-socjeta attrici u li kien hemm suspett li ma humiex genwini u dan bi ksur tal-provvedimenti tal-Kap. 414, u minn ezamijiet li saru sussegentement fuq l-istess oggetti, instab li dawn kienu kontrafatti. Dan kollu jirrizulta mill-affidavit datat 31 ta' Marzu 2022 (Dok. LAS01 fol. 230) maghmul minn Kirsi-Marja Rytsälä, rapprezentanta tas-socjeta attrici.

Illi allura jirrizulta li kien hemm ksur tal-artikoli appositi tal-Kap. 414, u b'applikazzjoni tal-artikolu 23 tar-Regolament EU 608/2013, is-socjeta attrici inizjat dawn il-opportuni proceduri gudizzjarji skont il-ligi, u fit-terminu indikat.

Peress illi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet attrici jidhru li gew kollha konfermati permezz tad-dokumenti esebiti mar-rikors guramentat u atti ohra prezentati fl-atti tal-kawza li jinkludu l-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana Antoine Scalpello datat 8 ta' Frar 2022 (Dok. K fol. 89) li kkonferma li l-istess oggetti hawn indikati ghadhom qed jinzammu fl-imhazen tad-dwana u tar-rapport ta' Kirsi-Marja Rytsälä li kkonfermat li mill-ezamijiet li saru fuq l-istess merkanzija mertu tal-kawza odjerna kienet fil-fatt kontrafatta.

Illi l-ispejjez kollha inkluzi sabiex issir id-distruzzjoni tal-istess oggetti hija elenkata fl-affidavit tal-ufficjal tad-dwana fol. 90. Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha kif gej.

**Konkluzzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati, u fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba' talba attrici, tilqa' t-talbiet attrici l-ohra fis-sens hawn deciz b'dan illi:

1. Tiddikjara li d-dhul minghajr rilaxx ghal cirkolazzjoni libera f'Malta, fil-kors ta' kummerc bejn il-konvenuti f'kwantita ta' accessorji ghal *mobile telephones* konsistenti f'batteriji ghal *mobile telephones* (gewwa materjal tal-imballagg tal-plastik), li kollha ghandhom fuqhom *trademarks* identici ghal - jew li ma jistghux jintgharfu fl-aspetti essenzjali taghhom minn - dawk tas-socjeta attrici debitament irregistrati dwar l-istess oggetti bhala *trademarks* tal-UE bin-numri 010608743, 013405493, 014941793, 016147902 u 017868623 rispettivament, liema oggetti kollha jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita tad-Direttur Generali (Dwana) wara li huwa kien sab li l-*container* DRYU4523532 kien jikkontjenihom, jikkontravvjeni d-drittijiet ta' proprjeta intellettwali tas-socjeta attrici fir-rigward tal-istess *trademarks* tal-UE bin-numri 010608743, 013405493, 014941793, 016147902 u 017868623, rispettivament;

2. Tiddikjara li l-istess oggetti u cioe l-kwantita ta' accessorji ghal *mobile telephones* konsistenti f'batteriji ghal *mobile telephones* (gewwa materjal tal-imballagg tal-plastik), li kollha ghandhom fuqhom *trademarks* identici ghal - jew li ma jistghux jintgharfu fl-aspetti essenzjali taghhom minn - dawk tas-socjeta attrici debitament irregistrati dwar l-istess oggetti bhala *trademarks* tal-UE bin-numri 010608743, 013405493, 014941793, 016147902 u 017868623 rispettivament, huma oggetti falsifikati;

3. Tordna lid-Direttur Generali (Dwana) sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' disghin (90) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jiddistruggi dawn l-oggetti

mertu ta' din il-kawza, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lil-konvenuti u a spejjez taghhom;

4. Tordna lil-konvenuti jhallsu l-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-identifikazzjoni u tal-ghadd tal-imsemmija oggetti, tat-trasport taghhom ghall-lok tal-hazna, tal-hazna stess, tat-trasport taghhom mill-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali distruzzjoni, tal-attendenza waqt id-distruzzjoni u tat-tnehhija tal-iskart iggenerat mill-istess distruzzjoni, kif elenkat fl-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana (fol. 90);

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skond il-ligi.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur